L-Università ta' Malta

MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE
EXAMINATIONS BOARD

INTERMEDIATE MATRICULATION LEVEL
2026 SECOND SESSION

SUBJECT:	**Religious Knowledge**
DATE:	4th September 2026
TIME:	9:00 a.m. to 12:05 p.m.

Answer **ALL** questions from Section A and any **THREE** questions from Section B.
Section A carries 40% of the total mark and Section B carries 60%.

SECTION A
Answer ALL questions. Each question carries 4 marks.

1. Define the term Incarnation according to Catholic teaching. Explain why this mystery is considered central to Christian faith and theology.
2. Identify and explain the primary mission of Jesus as presented in the Gospels.
3. Explain why the Resurrection of Jesus Christ is regarded as the most significant event in Christian history.
4. Why does the Catholic Old Testament contain seven more books than most Protestant Bibles?
5. According to Catholic teaching, what broader social and moral responsibilities arise from the Seventh and Tenth Commandments, beyond their personal implications?
6. Name the **FOUR** cardinal virtues and explain their importance for moral development within Christian life.
7. Define the term liturgy within the life of the Catholic Church and explain why it is essential for the faith experience of Christians.
8. Explain how the presence of Jesus Christ in the Eucharist differs from His presence in other forms within the Church's liturgical celebrations.
9. Describe the role and importance of Mary, the Mother of Jesus, in the history of salvation according to Catholic teaching.
10. Define prayer and explain why it is essential for the daily life and faith formation of a Christian.

(Total: 40 marks)

SECTION B
Choose THREE questions and answer them in detail. Each question carries 20 marks.

11. "God, who creates and preserves all things by His Word, provides human beings with constant evidence of Himself in created realities." (Dei Verbum, 3)
    a. Explain how the Catholic Church understands the relationship between human reason and knowledge of the existence of God. (4)
    b. Identify **ONE** way in which people can come to recognise God through the use of human reason, and explain **ONE** limitation of human reason in this process. (4)
    c. Define the term Revelation according to Catholic teaching. (2)
    d. Explain who is recognised as the fullest and definitive Revelation of God to humanity. (3)
    e. (i) Identify **TWO** ways through which the Church enables believers today to come to know Jesus Christ, even centuries after His earthly life. (4)
    (ii) Briefly explain the role of the Holy Spirit in the process of coming to know Jesus Christ. (3)

(Total: 20 marks)

Questions continue on the next page.

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

12. "The Lord's Prayer is truly the summary of the whole Gospel." (CCC, 2761)
    a. Explain why this prayer is known as the Lord's Prayer, and give **TWO** reasons why it holds a central place in the prayer life of Christians. (4)
    b. Explain what Christians are asking for in the petition "hallowed be thy name", and describe the twofold meaning of the petition "Thy Kingdom come." (6)
    c. Explain the essential condition implied in the petition "forgive us our trespasses", and identify **TWO** ways in which the Holy Spirit assists believers through the petition "lead us not into temptation." (6)
    d. Identify who is referred to as the "Evil One" in the final petition of the Lord's Prayer, and define the term exorcism according to Catholic teaching. (4)

(Total: 20 marks)

13. "Deep within his conscience man discovers a law which he has not laid upon himself but which he must obey." (Gaudium et Spes, 16)
    a. (i) What is morality? (2)
    (ii) Explain the difference between a mortal sin and a venial sin in relation to their effect on a person's relationship with God. (2)
    b. Explain why human beings are described as social by nature, and describe the meaning of the common good as a principle of social justice. (4)
    c. (i) Explain what is meant by the natural moral law, including who is able to know it. (4)
    (ii) Describe how the New Law (the Law of the Gospel) fulfils the Old Law (the Ten Commandments). (4)
    d. The first three Commandments focus on our relationship with God. Define "idolatry" as it applies to modern life, beyond just worshiping statues. (2)
    e. Identify **TWO** practical ways in which a person can form their conscience so that it reflects the moral teaching of the Church. (2)

(Total: 20 marks)

14. "The Church, equipped with the gifts of its Founder and faithfully guarding His precepts of charity, humility and self-sacrifice, receives the mission to proclaim and to establish among all peoples the Kingdom of Christ and of God." (Lumen Gentium, 5)
    a. (i) Explain what is meant by the Kingdom of God; and (2)
    (ii) Describe **TWO** ways in which Jesus proclaimed the coming of this Kingdom during His earthly ministry. (2)
    b. Explain what a parable is, and give **TWO** reasons why Jesus' parables were often surprising or challenging to His listeners. (4)
    c. Identify the **FOUR** main categories of miracles performed by Jesus, and explain the purpose of these miracles in relation to His mission and the coming of the Kingdom of God. (4)
    d. Explain the difference between a disciple and an apostle, and describe how the mission given to the Twelve Apostles continues today through the life and mission of the Catholic Church. (6)
    e. What can you do to further the growth of God's Kingdom through His Church? (2)

(Total: 20 marks)

15. "When the work which the Father gave the Son to do on earth was accomplished, the Holy Spirit was sent on the day of Pentecost in order that He might continually sanctify the Church." (Lumen Gentium, 4)

    a. Explain why the English title "Holy Spirit" is now preferred to "Holy Ghost", and describe the common mission shared by Jesus Christ and the Holy Spirit in the life of the Church and believers. (4)

    b. (i) Describe the event of Pentecost as recorded in the Acts of the Apostles; and (2)

    (ii) Mention **TWO** visible signs of the Holy Spirit's presence, and explain why Pentecost is often described as the beginning of the Church's public mission in the world. (4)

    c. Explain the difference between the Gifts of the Holy Spirit and the Fruits of the Holy Spirit, and provide **ONE** example of **each**. (4)

    d. (i) Explain the meaning of **ONE** symbol of the Holy Spirit. (2)

    (ii) Describe what the title "Paraclete" (Advocate) reveals about the role of the Holy Spirit in the life of Christians and in the mission of the Church. (4)

(Total: 20 marks)

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA
IT-TIENI SESSJONI 2026

SUĠĠETT:	**It-Tagħlim Reliġjuż**
DATA:	L-4 ta' Settembru 2026
ĦIN:	mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m.

Wieġeb il-mistoqsijiet **KOLLHA** ta' Taqsima A u **TLIET** mistoqsijiet oħra li trid minn Taqsima B. Taqsima A għandha 40% tal-marka totali u Taqsima B għandha 60%.

TAQSIMA A
Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA. Kull mistoqsija għandha 4 marki.

1. Agħti t-tifsira tat-terminu Inkarnazzjoni skont it-tagħlim Kattoliku. Spjega għaliex dan il-misteru huwa meqjus ċentrali għall-fidi u għat-teoloġija Kattoliku.
2. Semmi u spjega l-missjoni ewlenija ta' Ġesù kif murija fl-Evanġelji.
3. Spjega għaliex il-qawmien mill-mewt ta' Kristu huwa meqjus bħala l-aktar avveniment sinifikanti fl-istorja Kattoliku.
4. Għaliex it-Testment il-Qadim Kattoliku fih seba' kotba aktar mill-maġġoranza tal-Bibbji Protestanti?
5. Skont it-tagħlim Kattoliku, lil hinn mill-implikazzjonijiet personali tagħhom, liema responsabbiltajiet soċjali u morali joħorġu mis-Seba' u l-Għaxar Kmandamenti?
6. Semmi l-**ERBA'** virtujiet kardinali u spjega l-importanza tagħhom għall-iżvilupp morali fil-ħajja Nisranija.
7. Agħti t-tifsira tat-terminu liturġija fil-ħajja tal-Knisja Kattolika u spjega għaliex hija essenzjali għall-esperjenza tal-fidi tal-Insara.
8. Spjega kif il-preżenza ta' Kristu fl-Ewkaristija hija differenti mill-preżenza Tiegħu f'forom oħra fi ħdan iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi tal-Knisja.
9. Iddeskrivi l-irwol u l-importanza ta' Marija, Omm Ġesù, fl-istorja tas-salvazzjoni skont it-tagħlim Kattoliku.
10. Agħti t-tifsira tat-terminu talb u spjega għaliex huwa essenzjali għall-ħajja ta' kuljum u għall-formazzjoni tal-fidi Nisranija.

(Total: 40 marka)

TAQSIMA B
Agħżel TLIET mistoqsijiet u weġibhom fid-dettall. Kull mistoqsija għandha 20 marka.

11. "Alla li ħalaq u jżomm il-ħwejjeġ kollha permezz tal-Verb, jagħti lill-bnedmin fil-ħwejjeġ maħluqa xhieda li ma tiqafx tiegħu nnifsu." (Dei Verbum, 3)
    a. Spjega kif il-Knisja Kattolika tifhem ir-relazzjoni bejn ir-raġuni umana u l-għarfien tal-eżistenza ta' Alla. (4)
    b. Semmi mod **WIEĦED** kif in-nies jistgħu jagħrfu lil Alla permezz tal-użu tar-raġuni umana, u spjega limitazzjoni **WAĦDA** tar-raġuni umana f'dan il-proċess. (4)
    c. Agħti t-tifsira tat-terminu Rivelazzjoni skont it-tagħlim Kattoliku. (2)
    d. Spjega min hu rikonoxxut bħala l-aktar Rivelazzjoni sħiħa u definittiva ta' Alla lill-bnedmin. (3)
    e. (i) Semmi **ŻEWĠ** modi li permezz tagħhom il-Knisja tgħin lill-fidili llum biex isiru jafu lil Kristu, anki sekli wara ħajtu. (4)
    (ii) Spjega fil-qosor l-irwol tal-Ispirtu s-Santu f'dan il-proċess. (3)

(Total: 20 marka)

Il-mistoqsijiet ikomplu fil-paġna li jmiss.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

12. "It-Talba tal-Mulej hi tassew ġabra fil-qosor ta' l-Evanġelju kollu." (KKK, 2761)
    a. Spjega għaliex din it-talba hija magħrufa bħala t-Talba tal-Missierna, u agħti **ŻEWĠ** raġunijiet għaliex għandha post ċentrali f'ħajjet l-Insara. (4)
    b. Spjega x'qed jitolbu l-Insara fil-frażi "jitqaddes ismek", u ddeskrivi t-tifsira doppja tal-frażi "tiġi saltnatek." (6)
    c. Spjega l-kundizzjoni essenzjali implikata fil-frażi "aħfrilna dnubietna", u semmi **ŻEWĠ** modi kif l-Ispirtu s-Santu jgħin lill-fidili permezz tal-frażi "la ddaħħalniex fit-tiġrib". (6)
    d. Semmi min jissejjaħ id-"deni" fl-aħħar frażi tat-Talba, u ddefinixxi t-terminu eżorċiżmu skont it-tagħlim Kattoliku. (4)

(Total: 20 marka)

13. "Fil-fond tal-kuxjenza tiegħu l-bniedem jagħraf liġi li ma jagħtihiex hu lilu nnifsu, imma li huwa għandu jobdi." (Gaudium et Spes, 16)
    a. (i) X'inhi l-moralità? (2)
       (ii) Spjega d-differenza bejn id-dnub mejjet u d-dnub venjali fir-rigward tal-effett tagħhom fuq ir-relazzjoni tal-bniedem ma' Alla. (2)
    b. Spjega għaliex il-bnedmin huma meqjusa bħala soċjali fin-natura tagħhom, u ddeskrivi t-tifsira tal-ġid komuni bħala prinċipju ta' ġustizzja soċjali. (4)
    c. (i) Spjega xi tfisser il-liġi morali naturali, u għid min jista' jkun jafha. (4)
       (ii) Iddeskrivi kif il-Liġi l-Ġdida (il-Liġi tal-Evanġelju) tissodisfa l-Liġi l-Qadima (l-Għaxar Kmandamenti). (4)
    d. L-ewwel tliet Kmandamenti jindirizzaw ir-relazzjoni tagħna ma' Alla. Agħti t-tifsira ta' "idolatrija" kif tapplika għall-ħajja moderna, lil hinn mill-qima tal-istatwi biss. (2)
    e. Semmi **ŻEWĠ** modi prattiċi kif persuna tista' tifforma l-kuxjenza tagħha sabiex tirrifletti t-tagħlim morali tal-Knisja. (2)

(Total: 20 marka)

14. "Għalhekk il-Knisja, mogħnija bl-għotjiet tal-Fundatur tagħha u waqt li tħares bil-fedeltà l-preċetti tal-karità, tal-umiltà u taċ-ċaħda, tirċievi l-missjoni li tħabbar is-Saltna ta' Kristu u ta' Alla." (Lumen Gentium, 5)
    a. (i) Spjega xi tfisser is-Saltna t'Alla; u (2)
       (ii) Iddeskrivi **ŻEWĠ** modi kif Ġesù ħabbar il-miġja ta' din is-Saltna matul il-ministeru Tiegħu fostna. (2)
    b. Spjega x'inhi parabbola, u agħti **ŻEWĠ** raġunijiet għaliex il-parabboli ta' Ġesù ta' sikwit kienu sorprendenti jew ta' sfida għal kull min kien jisimgħu. (4)
    c. Semmi l-**ERBA'** kategoriji ewlenin ta' mirakli mwettqa minn Ġesù, u spjega l-iskop ta' dawn il-mirakli fir-rigward tal-missjoni Tiegħu u l-miġja tas-Saltna t'Alla. (4)
    d. Spjega d-differenza bejn dixxiplu u appostlu, u ddeskrivi kif il-missjoni mogħtija lit-Tnax-il Appostlu tkompli sal-lum permezz tal-ħajja u l-missjoni tal-Knisja Kattolika. (6)
    e. X'tista' tagħmel biex tkompli tkabbar is-Saltna t'Alla permezz tal-Knisja Tiegħu? (2)

(Total: 20 marka)

15. "Meta ntemmet il-ħidma li l-Missier fada lill-Iben biex jagħmel fuq l-art, nhar l-Għid il-Ħamsin intbagħat l-Ispirtu s-Santu biex iqaddes bla ma qatt jehda l-Knisja." (Lumen Gentium, 4)
    a. Spjega għaliex it-titlu Ingliż "Holy Spirit" issa huwa ppreferut għal "Holy Ghost", u ddeskrivi l-missjoni komuni li għandhom Ġesù Kristu u l-Ispirtu s-Santu fil-ħajja tal-Knisja u ta' dawk li jemmnu. (4)
    b. (i) Iddeskrivi l-ġrajja ta' Pentekoste kif imniżżla fl-Atti tal-Appostli; u (2)
    (ii) Semmi **ŻEWĠ** sinjali viżibbli tal-preżenza tal-Ispirtu s-Santu, u spjega għaliex Pentekoste spiss jiġi deskritt bħala l-bidu tal-missjoni pubblika tal-Knisja fid-dinja. (4)
    c. Spjega d-differenza bejn id-Doni tal-Ispirtu s-Santu u l-Frott tal-Ispirtu s-Santu, u agħti eżempju għal **kull WIEĦED**. (4)
    d. (i) Spjega t-tifsira ta' simbolu **WIEĦED** tal-Ispirtu s-Santu (l-Ilma, in-Nar, jew il-Ħamiema). (2)
    (ii) Iddeskrivi x'juri t-titlu "Paraklitu" (Avukat) dwar l-irwol tal-Ispirtu s-Santu fil-ħajja tal-Insara u fil-missjoni tal-Knisja. (4)

(Total: 20 marka)